**Minuti tat-tmin laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar l-Erbgħa, 25 ta' Lulju, 2012 fit-3:45 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Miriam Portelli | Kunsillier |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

---------------------------------------------------------------------------------------------------------

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Charles Said.

2. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru seba' (7) tas-seba' Kunsill ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali

3. **Eko Għawdex.** Il-Kunsill irċieva verbalment l-approvazzjoni mingħand il-Ministeru għal Għawdex sabiex ikun jista' jitkompla l-proġett f'Wied Bingemma b'gandott għall-ilma tax-xita. Ix-xogħol tal-gandott beda mill-kuntrattur Nicky Saliba. Gie diskuss għal darb' oħra jekk il-gandott għandux ikun bla qiegħ sabiex l-ilma tax-xita jinxtorob jew bil-konkos. Hemm ftit bdiewa li jridu li jsir bla qiegħ u hemm hafna oħrajn li jriduh bil-qiegħ tal-konkos. Is-Sindku għandu jerġa jkellem lill-perit dwar dan. Il-perit hu tal-fehma li jekk dan issir bla qiegħ ma jkunx b' saħħtu biżżejjed meta jagħmel ħafna ilma w għalhekk jibża' li dan jista' jinqaleb. Għandu jittieħed parir wkoll jistgħux isiru xi tip ta' katusi għal ġol-art biex l-ilma jkun jista' jinxtorob.

4. **Impjieg ta' Skrivan/a.** Il-Kunsill zamm l-interviews ta' persuni li kienu fuq il-lista (part 3) ta' l-ETC illum qabel il-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku, Charles Said għamel mozzjoni sabiex Therese Ann Finger tiġi mpjegata mal-Kunsill bħala Skrivana Scale 15 full time wara li hi ġabet l-aktar punti fl-intervisti. Miriam Portelli ssekondat il-mozzjoni. Il-mozzjoni għaddiet unanimament. Therese Finger għandha tibda xogħol mal-Kunsill minn nhar it-Tnejn 30 ta' Lulju 2012.

5. **Skema tal-Public Private Partnership.** Il-Kunsilliera nnotaw li l-Kuntrattur għadu ma rranġax il-parti ta' Triq ta' Grunju fejn iżżomm l-ilma. Miriam Portelli ġibdet l-attenzjoni li hemm zewġ postijiet oħra fi Triq ta' Grunju li għandhom jiġu rranġati. Il-Kunsilliera qablu unanimament li ma jsirx aktar

pagamenti lill-kuntrattur qabel ma jsiru it-tiswijiet meħtieġa. Il-Kunsill irċieva email mingħand is-Sinjura Clarie Xuereb residenta fi Triq San Gakbu. Hi qalet li minn meta saret it-triq qed ikollha problema fid-drenaġġ. Ġew il-ħaddiema tad-drenaġġ u qalu li hemm xi materjal li waqa' fis-sistema tad-drenaġġ meta saret it-triq bit-tarmac. Huma neħħew li setgħu iżda qalu li din hija responsabbilita tal-kuntrattur li għamel it-triq. Il-Contract manager, il-perit Robert Grech flimkien mas-Segretarja iltaqgħu mal-kuntrattur fuq is-sitt. Il-perit qal lill-kuntrattur sabiex jiftaħ it-tappiera u jnaddaf il-materjal li hemm.

## 6. Korrispondenza.

(4325) Ittra minn Emanuel Borg dwar il-pitch tal-bocci f'San Blas
(4326) Ittra min-Nadur Youngsters Nursery dwar sehem fil-Wine Festival permess ta' Stand tad-drinks
(4327) Ittra mill-Kummissjoni Arbli Mnarja dwar sehem fil-Wine Festival permess ta' stand tad-drinks
(4328) Ittra mill-Ghaqda Armar Triq Dicembru 13 dwar sehem fil-Wine Festival permess ta' stand tad-drinks
(4329) Memo 31/2012 Revisjoni fl-Onorarju lill-Presidenti tar-Reġjuni u lis-Sindki tal-Kunsilli Lokali
(4330) Memo 32/2012 Korsijiet Għall-Adulti (Lifelong Learning Classes)
(4331) Memo 33/2012 – Uzu Sostenibbli tal-Pesticidi
(4332) Email mingħand ic-Charter dwar laqgħa taz-zgħazagħ fir-Romania
(4333) Ittra mingħand Dar Guzeppa Debono dwar sehem fuq il-monti tan-Nadur
(4334) Email mingħand Marthese Baldacchino (MEPA) dwar hlas żejjed mill-UIF
(4335) Ittra mingħand Lawrence Borg dwar l-offerta ta' Tisqija ta' l-ilma
(4336) Email mingħand Claire Xuereb dwar problemi fid-Drenaġġ fi Triq San Gakbu
(4337) Email mingħand Mary Portelli dwar "Embellishing Works in Mosaic"
(4338) Ittra mingħand is-Superjur Joe Camilleri dwar problemi tal-ilma tax-xita li jinżel minn Triq Dun Gorg Preca
(4339) Ittra ta' ringrazzjament mill-Fondazzjoni Arka
(4340) Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skemi
(4341) Email mingħand Louise Xerri dwar problema ta' ilma fi Triq San Guzepp
(4342) Ittra mingħand Saviour Xiberras dwar l-impjieg tiegħu mal-Kunsill
(4343) Ittra mill Għaqda Armar Triq Xandriku dwar stand tad-drinks
(4344) Ittra mill-Kumitat Triq it-Tramuntana dwar stand tad-drinks fil-wine festival

**7. Kunsill taz-Zgħazagħ.** Il-Kunsilliera qablu li għandu jsir Kunsill taz-zgħazagħ ġdid. Għandha ssir sejħa biex dan jigi mwaqqaf f'Settembru. Ser issir laqgħa tac-Charter fir-Rumania għaz-zgħazagh bejn il-5-7 ta' Ottubru 2012. Il-Kunsill tan-Nadur għandu jibgħat zewġ persuni. Ġie diskuss li m'għandhomx dejjem imorru l-istess persuni għal dawn il-laqgħat. Il-Kunsilliera Josianne Cutajar wriet l-interess li tattendi għal din il-laqgħa. Ser tara dwar il-persuna l-oħra u tinforma lill-Kunsill. Is-Sindku enfasizza li dawk iz-zgħazagħ li jgħinu fil-Kunsill għandhom jingħataw preferenza għal dawn is-safriet.

**8. Wine Festival.** Il-Kunsill irċieva diversi talbiet mingħand l-għaqdiet tan-Nadur biex jieħdu sehem fil-Wine Festival bl-istands tad-drinks. Jista' jkun hemm żewġ stands biss tad-drinks u għalhekk ser jitellgħu bil-polza, fost dawk li wrew interess.

9. **Triq San Gużepp.** Il-Kunsill irċieva lment mingħand Louise Xerri dwar pressa baxxa ta' ilma fi Triq San Guzepp. Hi ġiet informata mill-korporazzjoni ta' l-ilma li hemm bzonn li jinbidel il-main ta' l-ilma. Il-Kunsill għamel talba lill-WSC biex jagħmel li hemm bżonn f'din it-triq.

10. **Impjieg ta' Saviour Xiberras.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-handyman tal-Kunsill, Saviour Xiberras sabiex jitla' minn Scale 16 għall-Scale 14. Is-Sindku Charles Said għamel mozzjoni biex Saviour Xiberras jieħu din il-promozzjoni u jingħata aktar responsabbilita' billi jkun responsabbli għall-ħaddiema l-oħra. Dan wara li l-Kunsill iġib l-approvazzjoni mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Eucharist Camilleri ssekonda l-mozzjoni. Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

11. **L-Ewropa fuq ir-Roti.** Kif ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill għamel kuntatt mal-persuna inkarigata minn dawn it-tours (l-Ewropa fuq ir-Roti). Huma talbu li l-Kunsill jgħazel ġurnata sabiex jaraw xi jkun hemm available fid-data rikjesta. Il-Kunsill għazel it-13 ta' Settembru 2012.

12. **Ġnien/Partita San Blas.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Emanuel Borg u Benny Portelli f'isem ir-resident ta' San Blas. Huma nformaw lill-Kunsill li għamlu tiswija tad-dawl fil-pitch tal-boċċi u bagħtu l-irċevuti tal-materjal li xtraw li ġie jiswa €102. Huma ssuġġerew li l-pitch tal-boċċi issirilha tinda peress li hija esposa għall-elementi. Huma qalu li din it-tinda tiswa bejn €1600 u €2300. Il-Kunsill qabel li ssir din it-tinda u għandu joħroġ seħja għall-kwotazzjoni meta jingħata l-ispecifications neċessarji.

13. **Nadur Youngsters F.C.** Eucharist Camilleri qal li t-tinda fil-partita fil-playing field ta' Xandriku saritilha ħafna ħsara fil-maltempata ta' Marzu. Dan il-playing huwa "devolved" lill-Kunsill. Hu informa lill-Kunsill li trid issir tinda ġdida kif ukoll jittranġa d-dawl elettriku. L-ispejjes għal dan ix-xogħol ser jitelgħu madwar €4000. In-Nadur Youngster qed jitlob li l-Kunsill jagħmel parti minn dan ix-xogħol ta' manutenzjoni. Il-Kunsilliera qablu li jħallas sa' €2000 sabiex jittranġa d-dawl u tinda f'dan is-sit.

14. **Suq fil-Miftuħ.** Il-Kunsill irċieva talba mingħand Dar Guzeppa Debono biex ikunu jistgħu jarmaw fil-monti ta' nħar ta' Erbgħa. Huma ma talbux li jkollhom stand permanenti iżda bħal issa għandhom xi materjal li jixtiequ ibiegħu bħala fund raising. Il-Kunsilliera qablu li Dar Guzeppa Debono tingħata post fil-monti. Dawn ser jingħataw post temporarju ħdejn l-istand li hemm fil-kantuniera tal-pjazza. Ġie diskuss u kien hemm qbil ukoll li jizdiedu aktar postijiet fi Triq Dun Bernard Haber. Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li l-Kunsill preċedenti kien ġie infomat mill-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investimenti biex ma jkabbarx aktar il-monti sabiex ikun konfermi mar-regolamenti ġodda li qed jiġu diskussa fil-white paper.

15. **Offerta ta' l-Ilma.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Lawrence Borg sabiex jiltaqa mal-Kunsill biex jiċċara xi punti dwar l-offerta tat-tisqija. Il-Kunsilliera iddeċidew li jiltaqgħu mas-Sur Borg nhar il-Ħamis 2 ta' Awwissu fit-3:00 ta' wara nofsinhar.

16. **Triq ta' Said**. Il-Kunsill irċieva ittra oħra mingħand Joe Camilleri ta' Triq ta' Said dwar il-problema tal-ilma tax-xita. Is-Sindku għandu jkellem il-perit dwar din il-problema.

17. **Offerti.** Il-Kunsill għamel sejħa għall-offerti għall-kuntratti tat-tindif tat-toroq.

Tindif San Gwann Area: John Ivan Xuereb €230

Tindif Xaghri Area: Anthony Magro € 240
Charlie Mifsud €190

Tindif San Blas: Chris Paul Cardona €174.50
Charlie Mifsud €170.00

Il-Kunsill għazel lil John Ivan Xuereb għall-area ta' San Gwann, lil Charlie Mifsud għall-area tax-Xagħri u Chris Paul Cardona għall-area ta' San Blas. Dawn għandhom jibdew fl-ewwel ta' Awwissu.

**Wine Festival 2012.** Il-Kunsill qed jagħmel il-preparamenti meħtieġa għall-Wine Festival 2012. Ser ikun hemm trasport mill-Imgarr għan-Nadur provdut mill-ARRIVA. L-entertainment huwa lest bit-tlett bands u compere J. Anvil. Ser ikun hemm xi kumpaniji ta' zfin wkoll. Il-food stalls qed jiġu konfermati.

18. **European Agriculture Funds for Rural Development (EAFRD).** Il-Kunsill ser japplika taħt il-measure 410 Application form quality of Life 413.4 Landscaping sabiex jagħmel parti mill-proġett tax-xelter fil-pjazza.

19. **SummerFest 2012.** Il-Kummissjoni Zgħazagħ li qed jorganizzaw is-Summerfest talbu l-għajnuna tal-Kunsill għal din l-attivita permess ta' prezenza tal-ERRC waqt l-attivita', sistemma tas-sound, barriers, bins u trophies. Il-Kunsilliera qablu li jagħtu dan l-għajnuna.

20. **Affarijiet Oħra.** Inġibed l-attenzjoni li hemm bozza mhux tixgħel fi 52 Triq il-Plier. Is-Segretarja qalet li din il-bozza irraportata diversi drabi lil Enemalta. Eucharist Camilleri qal li hemm bozza mhux tixgħel fi Triq Dun Grezz Buttigieg. Din ukoll ġiet irraportata mis-Segretarja lill-Kuntrattur privat tal-Kunsill. Ġie ssuġġerut li jitpoġġa litter bin fejn il-parking tal-bajja ta' San Blas u dan jitbattal mill-beach cleaners. Inġibed għal darb' oħra l-attenzjoni dwar il-periklu li taqa t-Triq Torri Sopu. Għalkemm dan il-periklu ġie diskuss waqt il-laqgħa li nżammet mal-Ministru għal Għawdex u Direttur tax-

Xogħolijiet il-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta dwarha. Il-Kunsill għandu jibgħat reminder. Ġie ssuġġerit li jsir sinjali isfar fi triq Ta' Ħida (l-parti d-dejqa – in-naħa tal-ħajt tas-sejjieħ) (minn fejn il-bank sar-ristorant). Il-Kunsill għandu jibgħat lit-Transport Malta dwar dan. Kien hemm talba biex issir sinjal isfar quddiem bieb ta' ġnien fi Triq San Gakbu. Dan ma ġiex aċċettat mill-Kunsill peress li hemm bankina u m'hemm l-ebda raġuni għaliex għandu jsir dan is-sinjal. Quddiem il-ġaraxx ta' Lucy Camilleri (fi Triq Ċiċċiano) għandu jsir patching bis-siment. Hemm talba għall-bankina ġdida quddiem "God Bless Australia" Triq ta' Grunju.

Il-laqgħa ntemmet fis-7 p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 22 ta' Awwissu fit-3:00 ta' wara nofsinhar.